

**Grazzi mill-qalb** lil Fr Mark Bonello tal-ħidma u s-servizz tiegħu fil-parroċċa tagħna speċjalment fost l-adolexxenti u ż-żgħażagħ u nawgurawlu l-isbaħ xewqat għall-missjoni l-ġdida li ġiet afdata lilu huwa u jkompli jaħdem għaż-żgħażagħ tad-Djoċesi tagħna mill-Oratorju Don Bosco.



**Merħba fostna** lil Fr Mario Mercieca Pavia, li se jingħaqad magħna bħala Vigarju Parrokkjali, u jkompli x-xogħol tant fejjiedi maż-żgħażagħ tagħna fiċ-Ċentru NTYC.

*Nitolbu lill-Mulej sabiex ikompli jakkumpanjahom fil-ħidma u l-missjoni tagħhom.*

Matul dan il-weekend ser issir **ġabra speċjali għat-terremotati tal-Kolombja u n-Nepal.** Min jixtieq jista' jwassal l-offerta tiegħu anki matul il-ġimgħa li ġejja lis-saċerdoti tagħna jew fl-Uffiċċju Parrokkjali. Bħalma sar fil-ġabra għat-terremotati tal-Venezuela u l-Filippini l-offerta tagħna ser tingħaqad ma' dak kollu li ser jinġabar mill-parroċċi t'Għawdex biex tintbagħat direttament f'dawn il-pajjiżi milquta.

**Il-laqgħa ta' talb fuq l-ispiritwalità ta' Dun Mikiel Attard** li jmiss ser issir nhar l-Erbgħa 16 ta' Settembru, fil-Knisja Bażilika. Il-laqgħa titmexxa mill-Kan. Dun Reuben Micallef u fiha Dun Mikiel Galea (mill-Għarb) ser ikellimna fuq il-konoxxenza tiegħu ta' Dun Mikiel. Tibda fis-5.45pm. Kulħadd hu mistieden. Tixxandar diretta fuq Mnarjalive.

Illum il-Ħadd 13 ta' Settembru se niċċelebraw **it-tifkira ta' Marija Addolorata** jumejn qabel il-jum liturġiku li fih tiġi mfakkra. Dritt wara l-quddiesa tal-5.00pm se noħroġu f'purċissjoni bl-ixbieha devota tagħha waqt li nitolbu r-Rużarju, nagħlqu bil-Barka Sagramentali u l-Quddiesa tas-7.00pm.



Nhar il-Ġimgħa 18 ta' Settembru fil-Quddiesa tal-5.00pm ser ikun hemm Ċelebrazzjoni taż-Żwieġ li ser isir kollu bl-ingliż.

L-organizzaturi tal-Quddiesa fil-beraħ ta' Triq it-Tramuntana, jirringrazzjaw lil dawk kollha li kienu preżenti u jinfurmaw li l-ferta li saret waqt il-Quddiesa kienet ta' €119.29. Wara li jinqatgħu l-ispejjeż ta' din l-okkażjoni, il-bqija se jmur għax-xemgħa li tinxtegħel matul is-sena quddiem l-istatwa tal-Madonna.



**LOTTERIJA tal-parroċċa b'risq il-knisja**: bi tħejjija għall-Milied li ġej, ser jittella' presepju uniku u artistiku maħdum fiċ-ċeramika ġewwa Caltagirone fi Sqallija, mill-bottega ta' Artè Ceramiche Scarlatella. Il-biljetti jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju Parrokkjali jew mingħand Maria Attard u Grace Portelli.

**IL-ĦIN TAL-QUDDIES**

BAŻILIKA. **Fost il-ġimgħa**: 5.30am; 6.30am; 7.30am; 9.00am; 5.00pm; 7.00pm.
**Ħdud u festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm.
KAPPELLA TAS-SORIJIET. **Fost il-ġimgħa**: 7.00am. **Ħdud:** 6.15am; 10.00am (bl-Ingliż).
KNISJA QALB TA' ĠESÙ. **Fost il-ġimgħa**: 11.00am. **Ħdud:** 7.00am.
KAPPELLA S. TEREŻA TA' KALKUTTA (TA' KENUNA). **Ħdud:** 7.30am.

A heartfelt thanks to Fr Mark Bonello for his work and ministry in our parish, especially among adolescents and young people. We wish him every blessing in the new mission entrusted to him, as he continues his ministry among the young people of our Diocese at the Don Bosco Oratory.





A warm welcome to Fr Mario Mercieca Pavia, who will be joining us as Parish Vicar and will continue the very fruitful ministry among our young people at the NTYC Centre.

*Let us pray that the Lord will continue to accompany them and bless them in their ministry and mission.*

This weekend, a **special collection** will be taken up for the victims of the earthquakes in **Colombia and Nepal**. Those who wish to contribute may also make their offering during the coming week to one of our priests or at the Parish Office. As was done with the collections for the earthquake victims in Venezuela and the Philippines, our collection will be added to those gathered by the parishes of Gozo and sent directly to the affected countries.

The next prayer meeting on the **spirituality of Fr Michael Attard** will be held on Wednesday 16 September at the Basilica Church. The meeting will be led by **Canon Fr Reuben Micallef**. Fr Michael Galea of Għarb will speak about his experience and knowledge of Fr Michael Attard. The meeting will begin at 5:45pm. Everyone is welcome. The meeting will also be broadcast live on MnarjaLive.

Today, Sunday 13 September, we will celebrate the **Feast of Our Lady of Sorrows**, two days before her liturgical feast. Immediately after the 5:00pm Mass, we will proceed in procession with the statue of Our Lady of Sorrows, praying the Rosary. The procession will conclude with **Benediction of the Blessed Sacrament**, followed by the 7:00pm Mass.



A wedding will be celebrated n Friday 18 September, at the 5:00pm Mass, which will be conducted entirely in English.

The organisers of the open-air Mass in North Street thank everyone who attended. They also announce that the collection taken up during the Mass amounted to **€119.29**. After the expenses incurred for the occasion have been deducted, the remaining amount will be used towards the candle which is kept burning throughout the year before the statue of Our Lady.



**PARISH LOTTERY – IN AID OF THE CHURCH**

In preparation for the coming Christmas season, a unique and beautifully crafted **ceramic Nativity set**, made in Caltagirone, Sicily, by the Artè Ceramiche Scarlatella workshop, will be raffled. Tickets may be obtained from the Parish Office or from Maria Attard and Grace Portelli.

HOLY MASS TIMES

BASILICA. **Weekdays**: 5.30am; 6.30am; 7.30am; 9.00am; 5.00pm; 7.00pm.

**Sundays & Feastdays:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm.

FRANCISCANS' CHAPEL. **Weekdays**: 7.00am. **Sundays:** 6.15am; 10.00am (in English).

SACRED HEART CHURCH. **Weekdays**: 11.00am. **Sundays:** 7.00am.

ST. THERESA OF CALCUTTA (TA' KENUNA) CHAPEL. **Sundays:** 7.30am.